MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 896/2004

Taddeo u Marilyn konjugi Attard bhala kuraturi *ad litem* tal-minuri binthom Angelique Attard
vs
Raymond Xerri u Wafaa Muscat Es Samlaly u b'digriet tas-6 ta' Ottubru 2008 is-socjeta` GasanMamo Insurance Limited intervjeniet fil-kawza in statu et terminis

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li biha ippremettew:

Illi fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar 2004, filwaqt illi Angelique Attard kienet riekba bhala passigiera fil-*mini van* ta' l-iskola, bin-numru ta' registrazzjoni HMY180, li kien ghaddej fi Triq San Aristarkus, San Pawl il-Bahar, misjuq mill-konvenut Raymond Xerri, il-*mini van* sfat involuta f'incident awtomobilistiku ma' vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABL604, misjuqa mill-konvenuta Wafaa Muscat Es Samlaly;

Ili b’rizultat ta’ dan l-incident Angelique Attard sofriet danni ta’ natura gravi kif ukoll disabilita` ta’ natura permanenti;

Illi l-atturi huma l-genituri tal-minuri Angelique Attard;

Illi dan l-incident gara unikament minhabba negligenza, traskuragni w inadempjenza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti Raymond Xerri u Wafaa Muscat Es Samlaly jew min minnhom;

Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti, huma baqghu inadempjenti;

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti Raymond Xerri u Wafaa Muscat Es Samlaly, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-incident li sehh fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Jannar 2004, fejn Angelique Attard sofriet danni ta’ natura gravi kif ukoll disabilita` ta’ natura permanenti meta, filwaqt illi Angelique Attard kienet riekba bhala passigiera fil-*mini van* ta’ l-iskola, bin-numru ta’ registrazzjoni HMY180, li kien ghaddej fi Triq San Aristarkus, San Pawl il-Bahar, misjuq mill-konvenut Raymond Xerri, il-*mini van* sfat involuta f’incident awtomobilistiku ma’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABL604, misjuqa mill-konvenuta Wafaa Muscat Es Samlaly, u dana minhabba negligenza, traskuragni, u inadempjenza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess konvenuti Raymond Xerri u Wafaa Muscat Es Samlaly jew min minnhom;

2. tillikwida d-danni sofferti minn Angelique Attard, b’rizultat ta’ dan l-incident fuq imsemmi, konsegwenza ta’ liema l-istess Angelique Attard qed tbati minn dizabilita` permanenti;

3. tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-atturi *nomine* d-danni li jigu hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali datata tnejn (2) ta’ Lulju 2004 (numru 2324/04), u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-atturi *nomine*.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Xerri li biha eccepixxa:

1. L-ewwel talba ta’ l-atturi kif dedotta kontra l-konvenut ghandha tkun respinta billi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara unikament b’tort tal-konvenuta Wafaa Muscat Es Samlaly.

2. It-tieni talba tal-atturi kif dedotta kontra l-konvenut ghandha ghalhekk tkun michuda billi ma hemmx danni x’jigu likwidati favur l-atturi.

3. Isegwi li anke t-tieiet talba tal-atturi kif dedotta kontra l-konvenut ghandha tkun rigettata stante li l-konvenut m’ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-atturi.

4. Salvi eccezzjonhjiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Rat ir-rapport mediku ta’ Dr. Joseph E. Briffa (fol 28 u 29 tal-process) – *Consultant Plastic and Reconstructive*

*Surgeon*, fejn stabbilixxa *permanent disability* ta' Angelique Attard ta' 7%.

Rat ir-rapport *insurance road accident report*, fol 30 sa 34 tal-process.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Fatti fil-qosor:***

Il-fatti fil-qosor dwar il-kaz kienu li Angelique Attard li kienet tattendi l-iskola St. Dorothy's Haz-Zebbug u biex tasal id-dar tal-genituri taghha San Pawl il-Bahar kienet taghmel uzu ta' kuljum mit-trasport tal-*mini bus*. Fid- 29 ta' Jannar 2004 Angelique Attard, li kellha sitt snin, kienet riekba bhala passigiera fil-*minivan* ta' l-iskola. Dan il-*van* kellu n-numru ta' registrazzjoni HMY180 u kien misjuq mill-konvenut Raymond Xerri. Illi ghall-habta tat-2.45 p.m. il-*minivan* imsemmi safa involut f'incident awtomobilistiku ma' vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni ABL604, misjuqa mill-intimata Wafaa Muscat Es Samlaly u b'rizultat ta' dan l-incident Angelique Atttard sofriet danni ta' natura gravi kif ukoll disabilita` ta' natura permanenti meta ssubiet sfregju f'wiccha.

B'konsegwenza ta' l-impatt Angelique Attard spiccat taht is-*seat* tal-vettura, sofriet griehi f'rasha ta' 0.7cm u cikatrici u daqqa vertikali n-naha tax-xellug tal-warda tal-wicc ta' 4.3cm. Il-kirurgu Joseph Briffa kien ikkonkluda rata ta' dizabilita` permanenti ta' 7%.

***D2. Responsabbilta`:***

Certament li Angelique Attard ma kellha ebda responsabbilta` ghall-incident. Hi kienet passiggiera fil-van misjuq minn Raymond Xerri meta gara l-incident u certament b'ebda mod ma ikkontribwiet ghall-incident. Dan iwassal li l-incident li sehh kien jew tort ta' Xerri jew ta' Muscat Es Samlaly jew parzjalment tat-tnejn. Irrizulta li Xerri kien ghaddej fit-triq principali li jidher li kien wiehed ta' velocita` qawwija u dan jidher car mill-impatt qawwi li sar wara l-kollizjoni li ghalkemm kwazi hadd ma ra l-incident jigri, kienu diversi li semghu d-daqqa. Dawn hasbu li kienu zewg trakkijiet li habtu ma' xulxin. Fil-fatt il-

konvenuta Muscat Es Samlaly baqghet hierga bil-vettura taghha bla ma waqfet f'tarf it-triq sekondarja u sar l-incident u Xerri spicca habat go bini sitwat mal-lemin tat-triq principali. Skond ix-xhieda ta' certu Catherine, Muscat Es Samlaly baqghet hierga bla ma waqfet fuq l-i*stop sign*.

Xerri jikkontendi li ma kienx responsabbli ghall-incident u jressaq in sostenn ta' dan id-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fil-konfront taz-zewg intimati. Semma wkoll l-ammissjoni ta' l-istess Muscat Es Samlaly quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn hi ammettiet akkuza kontra taghha li saqet vettura b'manjiera traskurata u naqset milli tieqaf fejn hemm sinjal li jindika *stop*, inkluz li fl-akkuza stess jissemma li involontarjament ikkagunat offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Angelique Attard.

***<u>D2a. Side road user u main road user:</u>***

Kif inghad minn din il-Qorti kif presjeduta fis-17 ta' April 2008 fil-kawza fl-ismijiet **Horace Balzan Wintrup vs Joseph Attard** (Rikors Numru 627/06FS):

***'Main road user u side road user***

Is-sewwieq li johrog minn ***side road*** ghal triq principali ghandu jiehu hsieb li jcedi ghat-traffiku li jkun ghaddej mit-triq principali. Ara f'dan is-sens:

**Stagno Navarra vs Saliba et**, Appell 27/11/61 – XLV.i.389; **Montebello vs Gatt**, Appell 19/08/66 – L.i.296;

**Pulizija vs Galdes**, Appell Kriminali 30/05/53 – XXXVII.iv.1108;

**Pulizija vs George Buttigieg**, Appell Kriminali 30/03/63 – XLVII.iv.1198;

**Pulizija vs Anthony Galea**, Appell Kriminali 30/05/53 – XXXVII.iv.1137

Minn dawn is-sentenzi johrog car l-obbligu ta' min johrog minn ***side road*** li jesplora tajjeb it-triq qabel ma johrog, li jwaqqaf biex jaccerta ruhu minn dan u li jzomm il-***proper lookout***. Min hiereg ghandu jieqaf ghal kollox sakem jaccerta ruhu li t-triq hija libera (ara **John Farrugia vs Edmond Camilleri**, Appell Civili Inferjuri 09/05/07; u **Pulizija vs John Gregory**, Appell Kriminali 28/09/63). Jinghad ukoll li tali responsabbilta` tizdied fil-kaz ta' min

johrog minn entratura jew uxxita li mhix ***side road*** propja minhabba li utent tat-triq principali hu fil-pozizzjoni li jipprevedi li tista' tohrog vettura izda din il-previsjoni tonqos sostanzjalment f'kaz ta' semplici entratura.

Il-Qorti tosserva wkoll li l-***main road user*** mhux il-***main road abuser*** (ara **Stagno Navarra vs Saliba** fuq imsemmija). Infatti l-***main road*** user ghandu wkoll l-obbligu li joqghod attent u li jzomm hu wkoll il-***proper lookout*** (ara f'dan is-sens **Montebello vs** Gatt fuq imsemmija). Dawn huma fatturi importanti meta jittiehdu wkoll il-velocita` ta' vettura, kundizzjonijiet tat-triq, dwal u jekk wiehed jaqbisx il-karreggjata tieghu. Bl-istess mod min ghandu r-***right of way*** m'ghandux jisforza indebitament dan id-dritt tieghu (ara **Pulizija vs George Buttigieg** fuq imsemmija).'

Ghalhekk *driver* li jkun diehel minn *side* ghal go *main road* ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-*main road* wara li jkun esplora tajjeb il-*main road* izda qabel ma johrog fiha. Hu ghandu jmexxi *dead slow* (**Il-Pulizija vs Anthony Galea** — Appell Kriminali — 5 ta' Settembru 1953). Infatti s-*side road user* ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija billi ghandu d-dmir li jcedi lit-traffiku li jkun fit-triq principali (**Mark Sammut vs Maryse Germaine de la Fargue** — Appell Civili — 2 ta' April 1976). *Side road user* ghanu l-obbligu li jaghti d-dritta lit-traffiku fit-triq principali. Ghalhekk ghandu (a) jersaq b'attenzjoni kbira lejn l-inkrocju bil-hsieb li jaccerta ruhu li bil-fatt biss li jkun ser jirfes fuq it-triq principali ma kienx sejjer ifixkel ittraffiku fuq dik it-triq; (b) jaccerta ruhu li jkollu vizwali cara fiz-zewg direzzjonijiet ta' dik it-triq biex ikun jista' jassigura ruhu li ma kienx hemm traffiku fuqha, jew almenu, jekk kien hemm traffiku, kien tant 'il boghod li l-hrug tieghu fuqha ma kien bl-ebda mod se jfixkel lil dak it-traffiku; (c) jiccaqlaq ghal fuq il-karreggjata bil-mod il-mod, *inching out* u jekk mehtieg, jieqaf ghal kollox biex jesplora dik it-triq u biex jistenna lit-traffiku jghaddi ... (**Cecil Ellul vs Joseph Muscat** — Appell Civili — 6 ta' Ottubru 1999). *Driver* li minn *side road* jidhol go *main road* bi *speed* relattivament qawwi, bla ma jesplora l-*main road* meta l-vizwali mhix

libera u meta hemm traffiku miz-zewg nahiet jaghmel manuvra perikoluza. (**Il-Puliziia vs Giuseppe Galdes** — Appell Kriminali — 30 ta' Mejju 1953).

***D2b. Stop sign:***

*Stop sign* hija ordni perentorja lid-*driver* ta' vettura sabiex minn warajha jesplora t-traffiku li jkun hemm fuq l-arterja principali u ma jazzardax jirfes fuqha qabel ikun ghal kollox cert li jista' jidhol fil-*major road* **(Elmo Insurance Agency Limited noe et vs Pierre Tanti** — Tribunal Ghal Talbiet Zghar — Dr. Anthony Ellul LL.D. — 28 ta' Jannar 2002). Ara wkoll **Louis Glanville vs John Degiorgio** — Appell Civili — 5 ta' Ottubru 1989.

***D2c. Responsabbilta` kontributorja:***

Wiehed irid jara jekk il-velocita` eccessiva kenitx il-kawza tal-kollizjoni jew kenitx il-fatt li vettura harget minn *side road*. Sewwieq prudenti jieqaf kompletament sakemm jesplora t-triq principali u jara li ma hemmx traffiku. Jekk is-*side road user* jinvadi d-dritta tal-*main road user* allura hu jkun responsabbli ghall-habta. Dan specjalment huwa applikabbli f'kaz fejn ikun hemm *stop sign*.

"Ghalhekk huwa responsabbli ghall-habta l-konvenut u mhux l-attur, billi l-esplorazzjoni da parti tas-*side road user* ghat-traffiku transitanti fuq triq principali (*multo magis* fejn bhal f'dan il-kaz kellu *STOP SIGN*) mhix limitata ghall-waqfien f'tarf l-inkrocju imma oltre dan ghandu jikkalkola jistax jaqsam wara li jistma l-velocita` ta' vetturi li jkunu qed joqorbu lejn l-inkrocju fit-triq principali" **[Alexander Bartolo vs Kalcedon Micallef** — Prim'Awla tal-Qorti Civili — 16 ta' Frar 1972].

Izda f'dan l-istadju l-Qorti ghandha l-obbligu wkoll li tara jekk il-gravita` ta' l-incident zdieditx kawza ta' l-operat tas-sewwieq fil-*main road* ghax ghalkemm huwa veru li jkun jahti s-*side road user* li ikkawza l-incident, xorta wahda jekk bl-agir tieghu l-*main road user* jaghmel dan l-incident aktar gravi (bhal per ezempju velocita` zejda) f'dak l-ahhar kaz il-*main road user* ikollu parti mir-responsabbilta` ta' l-incident. F'dan is-sens il-Qorti ma taqbilx ma' dak li ntqal fil-kawza **Nazzareno Azzopardi vs Maria Dolores Fenech** deciza mill-Prim'Awla fit-30 ta' Gunju 2004 fejn

inghad li jrid jigi stabbilit sodisfacjentement illi l-velocita` eccessiva kienet l-element **determinanti** li ipprovoka l-incident u li tista' titqies bhala l-kawza prossima ta' l-akkadut. Infatti jista' jkun li l-kawza ta' l-incident tkun is-*side road user* izda l-intensita` ta' l-incident giet awmentata bl-agir illegali tal-*main road user*.

Fil-kaz in ezami l-Qorti thoss li kienet certament Muscat Es Samlaly li ikkawzat l-incident izda li dan l-incident gie awmentat fl-intensita` tieghu mill-agir ta' Raymond Xerri u ghalhekk ghandhom iwiegbu ghar-responsabbilta` ta' l-incident fir-rata ta' 80% ghal Muscat Es Samlaly u 20% ghal Xerri.

***D3. Lucrum cessans:***
L-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta] jistipula kif ghandhom jitqiesu d-danni:
"Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta'qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib."

Ghalhekk il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`, it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta' qligh futur, ossia *lucrum cessans,* li d-danneggjat jkun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza ta' l-eghmil dirett tad-danneggjant.

Fil-kaz in ezami l-vittma kienet tifla ta' 6 snin. Fis-sentenza **Adelina Mercieca nomine vs Claudia Zerafa** deciza mill-Prim'Awla 30 ta' Gunju 2008 il-Qorti uzat *annual return* ipotetiku bazat fuq dhul fuq il-*minimum wage* skond in-*national standards* ta' l-2007, oltre zieda fil-*minimum wage*. Ziedet ukoll li meta l-minuri tilhaq l-eta` ta' maggorenni l-*minimum wage* ser tkun aktar gholja milli hi llum u possibbilment tista' taqbad karriera, ghalkemm dan mhux b'certezza, u stabbiliet dhul taxxabbli ta' Lm80 fil-gimgha. F'sentenza ohra fl-ismijiet **Anthony Zerafa vs**

**Joseph Sacco**, deciza fl-1 ta’ Ottubru 2003 minn din il-Qorti diversament presjeduta, fejn il-vittma kellu 6 snin, fejn bazikament gew addottati l-istess principji bhall-kaz fuq imsemmi, u l-Qorti iffissat dhul taxxabbli bhala Lm95 fil-gimgha. Din il-Qorti thoss li jkun ekwu li fil-kaz in ezami ghandha timxi bl-ammont ta’ Lm100 fil-gimgha, specjalment meta wiehed irid iqis li dan l-ammont strettament ghandu jibqa’ jigi awmentat anke wara li t-tifla vittma ssir maggorenni.

***<u>D4. Multiplier :</u>***

Fis-sentenza ta’ din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta’ Mejju, 2005. fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall** - Citazz. Nru: 154/02FS inghad:

“Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta’ likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta’ Dicembru, 1967. F’dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"*chances and changes of life*", b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-*Multiplier* mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Lambert vs Buttigieg** deciza fit-18 ta’ April, 1963 kienet qalet:

"f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor. Qorti ta’ l-Appell Civili Superjuri fit-3 ta’ Dicembru, 2004 intqal:

“Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-‘multiplier’ adottat mill-Qorti ta’ l-ewwel grad huwa piuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f’kawzi ghar-rizarciment ta’ danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-‘*multiplier*’ u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b’mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta’ telf ta’ qligh li dik il-persuna tbati ‘l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li “Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b’mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta’ inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta’ ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta’ ‘**Buttler vs Heard**’ – b’dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa’ tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala ‘*lucrum cessans*’ - jipprova jimprimi sens ta’ gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu.”

Il-*multiplier* adoperat varja u kien ta’ 5 snin fil-kaz ta’ persuna ta’ 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta’ 15 fil-kaz ta’ persuna ta’ 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta’ 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta’ 18 fuq persuna ta’ 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta’ 18 fil-kaz ta’ persuna ta’ 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta’ 20

fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' *Multiplier*. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' *multiplier* kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformita` f'dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' *insurance* ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta' utilita` kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-*chart* hawn taht:

| **Eta' Vittma** | ***Multiplier*** |
|---|---|
| | Massimu |
| 0 - 15 | 40 |
| 16 - 20 | 37 |
| 21 - 25 | 35 |
| 26 - 30 | 30 |
| 31 - 35 | 25 |
| 36 - 40 | 20 |
| 41 - 45 | 15 |
| 46 - 50 | 13 |
| 51 - 55 | 11 |
| 56 + | 5 jew anqas |

Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta` tar-rikorrenti meta sar l-incident – 6 tqis li ghandha tadopera *multiplier* ta' 40 ghall-kaz in ezami.

***<u>D5. Dizabilita`:</u>***

Mir-rapport mediku ta' Mr. J. Briffa [a fol 28 u 29 u 88 sa 92 tal-process] jirrizulta li d-dizabilita` prezenti ta' Angelique Attard hija ta' 7%.

***<u>D6. Lump Sum Payment:</u>***

L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-***lump sum payment*** b'ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkunu ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza:
"jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-***lump sum deduction***" – **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003. "

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-Ott-2003, 5% f'**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz in ezami jrid ikun hemm <u>tnaqqis ta' 14%.</u>

***<u>D7. Kunsiderazzjonijiet ohra:</u>***

Kunsiderazzjonijiet ohra ta’ dan it-tip ta’ kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-*dependency issue* ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

***D8. Likwidazzjoni ta’ l-ammont ta’ lucrum cessans :***

Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-qligh medju annwali ta’ Angelique Attard inkluz l-gholi tal-hajja tammonta ghal €12,112.74;

II. Irid jitqies ***multiplier*** ta’ 40. Dan igib l-ammont ta’ €484,509;

III. il-Qorti trid tqis il-grad ta’ disabilita` li f’dan il-kaz hu ta’ 7% u ghalhekk jammonta ghal ossia €33,915;

IV. wara jrid jitnaqqas 14% tal-lump sum payment u dan iwassal ghal bilanc ta’ €29,167.48;

***D9. Damnum emergens:***

Il-Qorti qed tillikwida *arbitrio boni viri* dan l-ammont bhala €500.

Ghalhekk meta tghodd l-ammont dovut bhala *Lucrum Cessans* ma’ dak dovut bhala *Damnum Emergens*, dan iwassal ghall-ammont ta’ €29,667.48.

Dan kollu jista’ jigi facilitat permezz ta’ uzu ta’ “*Excel”* billi tintuza l-formola hawn taht:

| | | |
|---|---|---|
| Basic pay | B | 12,112.74 |
| Multiplier | M | 40 |
| Lump sum payment | L | 14 |
| Dizabilita` | D | 7% |
| Damnum emergens | E | 500 |
| Gholi tal-hajja | G | 0 |
| | | |
| Amount due | | 29,667.48 |

Minn dawn, Muscat Es Samlaly hija responsabbli ghal €23,333.98 waqt li Raymond Xerri huwa responsabbli ghal €5,833.50.

***D10. Imghaxijiet:***

L-atturi talbu l-imghaxijiet. Dwan dan jinghad li l-principju generali hu li dan jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun gie likwidat. Il-principju hu li *in illiquidis non fit mora* ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe` mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u mnhabba f'hemm ma jkunx jista' jhallas u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit *in mora*. Ara f' dan is-sens dawn is-sentenzi fejn il-gurisprudenza tista' tghid hija pacifika:

**Salvatore Camilleri noe vs Candida Dimech ed altri** (9 ta' April, 1877) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet illi: ".............il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione............."

**Negoziante Vincenzo Strati vs Tito Boselli noe** (18 ta' Ottubru, 1909) fejn il-Qorti Kummercjali rriteniet illi:
"*I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione*".

**Mallia Tabone Utrinque –** 8 ta' Dicembru, 1903.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Xerri, l-ewwel eccezzjoni li l-incident gara unikament tort tal-konvenuta Wafaa Muscat Es Samlaly hija michuda fis-sens li r-responsabbilta` giet stabbilita` hawn fuq fis-sehem ta' 80% ghal Muscat Es Samlaly u 20% ghal Raymond Xerri.

Tichad ukoll it-tieni eccezzjoni li ma hemmx danni x'jigu likwidati, kif ukoll it-tielet eccezzjoni li m'ghandux jigi ikkundannat ta' danni.

Il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut Raymond Xerri responsabbli fil-kwota ta' 20% u li Wafaa Muscat Es

Samlaly fil-kwota ta’ 80% ghall-incident li sehh fid-29 ta’ Jannar 2004.

Tillikwida d-danni sofferti minn Angelique Attard fl-ammont ta’ €29,667.48.

Tikkundanna lill-konvent Xerri fl-ammont ta’ €5,833.50 u lill-konvenuta Muscat Es Samlaly fl-ammont ta’ €23,333.98.

Bl-ispejjez, bl-imghax legali **mil-lum** kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------